Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 262/2015

Il-Pulizja

Vs

Clodomiro Meilak

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Clodomiro Meilak detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 195461M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Lulju, 2014 sa Dicembru, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Alicia Laquio Mejlak u/jew lil uliedhu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-orndi jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta, fuq ammisjoni il-Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu erba' xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clodomiro Mejlak, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fi s-26 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma in kwantu ghall-htija, hija tbiddel il-piena inflitta ghal wahda iktar fil-minimu li tku ekwa u gusta fic-cirkustanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Clodomiro Meilak huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-piena ma tirrientrax fil-limit li tipprefiggi l-ligi dan ghaliex l-istess artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 jifforma parti minn Taqsima III 'Fuq il-Kontravenzjonijiet u l-Pieni – Titolu I 'Fuq il-kontravenzjonijiet' tal-Kap 9 ghalhekk ghandhom japplikaw ghalih il-pieni dwar il-kontravenzjonijiet. Izjed minn hekk, l-istess artikolu 338(z) jaghmilha cara *'izda wkoll meta l-hati jkun recidiv f'kontravenzjonijiet taht dan il-paragrafu l-hati jista' jehell piena ta' detenzjoniji ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed mnn mitejn ewro jew prigunerija ghall zmien mhux izjed minn xahrejn'*. Dan ifizzer li meta l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ssib persuna hatja taht din l-akkuza hi ghandha idejha marbuta li timponi biss dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa ossia d-detenzjoni, ammenda jew ic-canfira jew it-twiddibha u dan ai termini tal-artikolu 7(2) tal-Kap 9, naturalment sakemm ma japplikax dan il-provvediment specjali hawn imsemmi. Fil-kaz odjern huwa ovvju li l-appellanti ma kienx recidiv w allura taht l-ebda cirkostanza l-Ewwel Qorti ma setghet timponi erba' xhur prigunerija fil-facilitajiet korrettivi ta' Kordin jew f'kull lok iehor li jikkwalifika bhala habs skond il-Ligijiet u r-regolaementi enforzabbli f'Malta.
2. Illi l-appellant umilment jissottometti li l-Ewwel Qorti imponiet il-piena ta' erba' xhur prigunerija ghaliex qieset flimkien l-aritkli 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma umli tal-appellant ma setghet qatt issir referenza ghall-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta billi dana jaghmel referenza

ghal reat kontinwat waqt illi fl-akkuza in ezami qed isir referenza ghall-kontravenzjoni fid-dawl tal-artikolu 338(z) u allura l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali zgur li ma jistax jigi applikat fil-kaz in ezami.

3. Illi l-appellanti qatt ma kellu xi intenjzjoni li jinjora xi ordni ta' Qorti kompetenti skond il-ligi u n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment irrizulta millfatt li hu kien disimpjetag u ghalhekk finanzjajarament ma felahx ihallas l-ammont eccessiva ta' erba' mija u hamisn ewro (€450) liema somma tikkonsisiti f'mitjen u hamisn ewro (€250) fix-xahar bhala manteniment tal-mara u l-kumpament ghal-wild minuri liema somma giet sussegwentament imnaqqsa ghal tliet mitt ewro (€300) fix-xahar bhala manteniment dovut biss lill-wild skond id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 6 ta' Mejju, 2015, liema konsiderazzjoni giet kompletament injorata mill-ewwel Qorti;
4. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, huwa umilment sottomess li m'huwiex fl-interess primarjament tat-tifel minuri fiz-zwieg illi l-appelaltn missieru jispicca inkarcerat.
5. Illi, fl-umli fehma tal-appellant, meta l-ewwel Qorti giet biex timponi l-piena naqset illi tikkonsidra li l-appellant ibghati minn anzjeta qawwi u depressjoni meta l-istess Qorti kienet giet mgharrfa bl-istess f'differiment precedenti u edotta b'certifikat tal-medicina li jiehu l-appellanti fuq bazi regolari ghal tul ta' zmien, li kien gie pprezentat fl-atti tal-kawza.
6. Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-piena imposta mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u mhux idoneja, iktar u iktar meta tqis li l-appellant qed jaghmel hiltu kollha biex jottempra ruhu mal-ligi. Di più, mill-ftit li jista' jakkwista, l-akkuzat gab is-somma ta' mitejn (€200) mieghu il-Qorti li ried jghaddihom lill-mara dakinhar stess. Altru milli jisfida l-awtorita' tal-Qorti, l-appellant irregistra ammissjoni bikrija tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, b'hekk hu qed jikkontendi li l-Qorti kellha timponi piena lejn il-minimu tal-akkuzi migjuba kontrih.
7. Illi piena karcerarja ma tista' qatt twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa meta jigu mposta tali pieni karcerarji. Izjed minn hekk, l-appellant, minkejja l-kundizzjonijiet ta' sahha tieghu qed jaghmel hiltu beix isib xoghol

kompatibbli mieghu u ghal dan l-effetti kien ghadu u ser jibda' jattendi ghal diversi korsijiet l-ETC  ossia numru ta' moducles fl-'english literacy' u erba' modules fil-'foundation in tile laying'. Piena karcerarja ser tiswa biss biex il-progress li l-appellant qed jaghmel jisfa fix-xejn u dan b'detriment kemm ghalih u kemm ghal mara u l-wild tieghu stess ghaliex certament, tal-inqas fiz-zmien li ser ikun qighed il-habs ser jitpogga fl-impossibilita' fizika u materjali li jmantnihom, u meta jiskonta l-piena jrid jerga jibda t-tahrig tieghu mill-bidu.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jinsab akkuzat illi naqas milli jissoministra l-manteniment lil martu ghax-xhur minn Lulju 2014 sa Dicembru 2014. Illi l-appellanti ammetta ghal dina l-imputazzjoni u allura  l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti ghal perijodu ta' erba' xhur prigunerija u dana wara li sabitu hati ta' dina l-akkuza. Illi ghalkemm fl-aggravvji minnu imressqa l-appellanti ma jikkontestax id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghar-rigward tas-sejbien ta' htija ghal l-akkuza migjuba kontra tieghu u iddikjara illi mhijiex l-intenzjoni tieghu illi jahrab minn dan l-obbligu tieghu li jissoministra il-manteniment dovut lil martu u ibnu minuri, madanakollu jilmenta illi l-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva u li ma taqax fil-parametri tal-ligi. Jilmenta ukoll illi ma statex tinstab reita bl-aggravnti stabbilt fl-artikolu 18 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat,

Ma hemmx dubbju illi hekk kif ighaddu hmistax-il jum minn dak in-nhar illi il-manteniment ma jithallas ghal perijodu relattiv, issir l-infrazzjoni tal-ligi. Jekk imbaghad tibqa' issir l-infrazjoni ghal perijodi sussegwenti, allura tibda issehh l-istat ta' kontinwita tar-reita'.

Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe', (1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi; (2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;

(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Fuq kollox:

**"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[1]"**

Issa l-appellanti jikkontendi illi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ma isibx applikazzjoni ghal kontravvenzjoni li biha jinsab akkuzat. Il-Qorti anke hawnhekk hija tal-fehma illi l-appellanti ma ghandux ragun. Dan ghaliex l-artikolu 18 ma iggib l-ebda distinzjoni bejn id-delitti u l-kontravvenzjonijiet fejn hemm dispost:

**"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala <u>reat wieħed</u>, imsejjaħ <u>reat kontinwat</u>, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."**

[1] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001

L-artikolu 2, fil-fatt, ighid car u tond illi **"ir-reati jitqassmu f'delitti u kontravvenzjonijiet".** Fuq ir-reat kontinwat il-Professur Mamo ighallimna:

*"Section 20* (illum 18) *of the Criminal Code refers to 'offences' generally without distinction: and it therefore applies both to 'crimes' and to 'contraventions'."*

Illi ma hemmx dubbju illi l-intenzjoni ta'l-appellanti kienet wahda u unika u cioe' illi huwa ma ihallasx il-manteniment dovut biex b'hekk sehh il-ksur ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Dan ghaliex, kif jallega huwa stess, jinsab fl-impossibilita li jaghmel dan minhabba l-istat finanzjarju tieghu kif ukoll minhabba l-fatt illi huwa dizokkupat.

Fil-fatt id-dottrina hija kostanti *in subjecta materia* meta jinghad:

*"... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

Illi jifdal biex jigi trattat l-aggravvju dwar il-piena komminata ta' erba xhur prigunerija u dan ghaliex l-appellanti jishaq illi l-piena ta' erba xhur prigunerija ma hijiex dik prevista fil-ligi u hija allura eccessiva billi f'dan il-kaz l-appellanti lanqas

kien recidiv fejn allura hemm ikkontemplata piena li tnaqqas il-liberta personali meta jinghad:

**"Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn."**

Il-Qorti hawn taqbel ma'l-appellanti u dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzat ma huwiex qed jigi akkuzat bir-recidiva madanakollu billi huwa instab hati li ikkometta reat kontinwat, allura l-piena ghandha tizdied minn grad sa tnejn.

Issa l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jipprevedi illi:

**Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet huma - (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba."**

L-artikolu 31(g) imbaghad jistabilixxi illi:

**"it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur."**

Illi allura billi huwa minnu illi fl-akkuza ma hemmx ikkontemplata ir-recidiva tal-appellanti, madanakollu billi, kif inghad, jezistu l-elementi kollha mehtiega bil-ligi ghall-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 allura z-zieda mill-piena tal-kontravvenzjonijiet ghandu ikun fil-fehma tal-Qorti dak li inaqqas il-liberta personali u cioe' ta' tlett xhur prigunerija kif previst fl-artikolu 31(g) hawn fuq iccitat.

Maghdud dan madanakollu billi l-appellanti hallas parti zghira mill-ammont dovut ghalkemm l-ammont ma kienx xi wiehed konsiderevoli tenut kont illi l-ammont dovut issa ilahhaq 'il fuq minn tlett elef ewro, hija il-fehma ta' din il-Qorti illi fl-eventwalita illi ikun hemm konferma tas-sentenza impunjata allura tinsorgi biza rejali illi l-appellanti ma jonorax dan l-obbligu u ma ikunx jista' iwettaq l-impenn tieghu li ihallas il-bilanc dovut. Illi l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha x'kien il-hsieb tal-legislatur meta introduca dina l-kontravvenzjoni fil-kodici penali taghna bil-penali horox li iggorr maghha.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[2]

F'dan il-kaz jidher li dan l-ghan intlahaq tant illi ghalkemm l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja, madanakollu minhabba illi l-appellanti qieghed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk jispicca inkarcerat, l-parti leza ser tigi ipprivata milli tircevi l-manteniment lilha dovut u ghalhekk is-sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Ghalhekk indubbjament f'dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' erba' xahur prigunerija, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Wara li rat l-artikolu

[2] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf

24 tal-Kapitolu 446 tikkundanna lill-appellanti ihallas lil martu Alicia Mejlak s-somma ta' €1913 u dana bhala kumpens ghall-manteniment ghax-xhur indikati fl-akkuza li baqa' ma giex effetwat u dan fi zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef